Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Ġunju 2017**
**(OR. en)**

**9315/17**

**ECOFIN 417**
**UEM 166**
**SOC 397**
**EMPL 311**
**COMPET 414**
**ENV 513**
**EDUC 241**
**RECH 197**
**ENER 236**
**JAI 496**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | ST 9260/17 ECOFIN 388 UEM 137 SOC 367 EMPL 282 COMPET 383 ENV 483 EDUC 211 RECH 167 ENER 207 JAI 460 - COM(2017) 527 final |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tar-Renju Unit u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tar-Renju Unit |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u miftiehem minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 527 final.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'…**

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tar-Renju Unit**

**u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tar-Renju Unit**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika,[1] u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u fl-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lir-Renju Unit bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għar-Renju Unit ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Huwa vvaluta l-progress tar-Renju Unit fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tar-Renju Unit lejn il-miri nazzjonali tiegħu ta' Ewropa 2020.

(3) Ir-Renju Unit ippreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tiegħu fil-21 ta' April 2017 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tiegħu fis-27 ta' April 2017. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

---

2 Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

(4) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) li tkopri l-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,[3] fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru biex jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(5) Ir-Renju Unit huwa attwalment fil-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Jekk tkun inkisbet korrezzjoni f'waqtha u dejjiema fl-2016-17, ir-Renju Unit ser ikun soġġett għall-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u għar-regola tranżitorja tad-dejn fl-2017-18. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2017, il-Gvern qed jistenna li d-defiċit eċċessiv jiġi kkoreġut fis-sena fiskali 2016-17, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju 2015, b'defiċit nominali ta' 2,7 % tal-PDG. Id-defiċit nominali huwa mbagħad mistenni li jiżdied bi ftit għal 2,8 % tal-PDG fl-2017-18, qabel ma jonqos għal 1,9 % tal-PDG fl-2018-19. Il-Programm ta' Konverġenza ma jinkludix objettiv baġitarju fuq terminu medju. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG ġenerali tal-gvern huwa mistenni li jiġi stabbilit b'mod ġenerali għal madwar 87,5 % mill-2016-17 għall-2018-19 qabel ma jerġa' jaqa' għal 84,8 % tal-PDG fl-2020-21. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-proġettazzjonijiet baġitarji huwa favorevoli. Għalkemm il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri tad-defiċit ippjanati huma speċifikati sew b'mod ġenerali, ir-riskji negattivi għall-prospettiva makroekonomika joħolqu riskju għall-kisba tat-tnaqqis fl-iżbilanċ ippjanat.

[3] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(6) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda li r-Renju Unit itemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-2016-17 u, wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, jikseb aġġustament fiskali ta' 0,6 % tal-PDG fl-2017-18 lejn l-objettiv baġitarju minimu fuq terminu medju. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2017 tal-Kummissjoni, id-defiċit nominali huwa pproġettat li jkun laħaq 2,7 % tal-PDG fl-2016-17, f'konformità mal-mira rrakkomandata mill-Kunsill. Fl-2017-18, hemm riskju ta' xi devjazzjoni mir-rekwiżit tal-parti preventiva.

(7) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fiskali tiegħu u b'mod partikolari l-livell tad-dejn tiegħu, ir-Renju Unit huwa mistenni li jkompli l-aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Skont il-matriċi ta' aġġustament miftehma b'mod komuni skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dak l-aġġustament jissarraf f'rekwiżit ta' tkabbir nominali tal-infiq primarju tal-gvern nett[4] li ma jaqbiżx 1,8 %. Dan ikun jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Jekk ma jinbidlux il-politiki, hemm riskju ta' xi devjazzjoni minn dak ir-rekwiżit matul il-perjodu 2017-18 u 2018-19 meħuda flimkien. Fl-istess ħin, ir-Renju Unit huwa prima facie mhux imbassar li jkun konformi mar-regola tad-dejn transizzjonali fl-2017-18 iżda huwa previst li jikkonforma fl-2018-19. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li r-Renju Unit irid ikun lest li jieħu miżuri ulterjuri sa mill-2017-18 biex ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-valutazzjoni tal-pjanijiet baġitarji u l-eżiti jinħtieġ li jqisu l-bilanċ baġitarju tal-Istat Membru fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi. Kif imfakkar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, l-evalwazzjoni futura ser ikollha bżonn tqis l-għan li tinkiseb pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru attwali kif ukoll tiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tar-Renju Unit. F'dak il-kuntest, il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni biħsiebha twettaq valutazzjoni globali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, b'mod partikolari fid-dawl tas-sitwazzjoni ċiklika tar-Renju Unit.

[4] In-nefqa netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern li teskludi n-nefqa fuq l-interessi, in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni korrisposti bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u l-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq tal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni tal-kapital fiss gross iffinanzjat nazzjonalment hija mwittija fuq perjodu ta' erba' snin. Miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Miżuri ta' darba fuq in-naħat kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

(8) L-investiment privat kien b'mod konsistenti ferm taħt il-medja tal-Unjoni u l-investiment pubbliku marġinalment iktar 'l isfel. Il-produttività hija ferm iktar baxxa mill-medja tal-G7 u staġnat mill-2008 'l hawn. Il-Gvern qed jagħmel enfasi politika qawwija fuq iż-żieda tal-investiment biex tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività. Sfida ewlenija hija l-indirizzar ta' nuqqasijiet sinifikanti fil-kapaċità u fil-kwalità tan-netwerks tal-infrastruttura tar-Renju Unit. Il-konġestjoni tat-toroq hija għolja u l-kapaċità ferrovjarja hija dejjem iktar inadegwata f'xi postijiet minħabba d-domanda li qed tikber rapidament. Hemm ukoll ħtieġa dejjem iktar urġenti għal iktar investiment f'kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni u ta' provvista tal-enerġija. Il-Pjan Nazzjonali tal-Konsenja tal-Infrastruttura jistabbilixxi pjanijiet ambizzjużi biex itejbu l-infrastruttura ekonomika tar-Renju Unit u fl-2016 ittieħdu għadd ta' deċiżjonijiet ta' investiment dwar kwistjonijiet ewlenin ta' proġetti tat-trasport u l-enerġija. Madankollu, għad hemm tħassib dwar jekk l-investimenti pubbliċi u privati adegwati jistgħux jiġu żgurati sabiex jindirizzaw l-akkumulu tal-infrastruttura f'waqtu u b'mod kosteffettiv. Ir-Renju Unit għandu sfida ewlenija biex iżid il-provvista tad-djar. Nuqqas kroniku ta' djar jikkontribwixxi għal prezzijiet għoljin tad-djar u dan iwassal għal kostijiet ekonomiċi u soċjali sinifikanti, b'mod partikolari madwar ċentri ta' tkabbir ekonomiku. Is-sistema riformata ta' ppjanar, u firxa ta' strumenti kumplementari ta' politiki tad-djar, flimkien huma kemxejn iktar ta' appoġġ miżjud fil-kostruzzjoni residenzjali. Madankollu, għadd ta' limitazzjonijiet fuq il-provvista tad-djar, inkluża regolamentazzjoni tas-suq tal-artijiet u l-bini residenzjali stretta u kumplessa ħafna, u l-provvista tal-akkomodazzjoni għadha mhix qed tlaħħaq maż-żieda fid-domanda.

(9) Iċ-ċifri ewlenin tas-suq tax-xogħol ikomplu x-xejra pożittiva, b'livell baxx ta' qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ b'mod ġenerali. Madankollu, il-livelli ta' inattività, u l-impjiegi part-time u b'pagi baxxi għandhom lok għal titjib. Tkabbir fil-qligħ għadu modest, marbut ma' tkabbir dgħajjef fil-produttività. Għad hemm tħassib dwar il-provvista tal-ħiliet, l-utilizzazzjoni u l-progressjoni. Kien hemm żviluppi sinifikanti ta' politika li jiffukaw fuq il-ħiliet u l-progressjoni permezz ta' riformi fl-edukazzjoni teknika u tal-apprendistat. Il-kwalità fl-apprendistati teħtieġ attenzjoni ffukata kemm fuq livell ta' kwalifika mwettqa kif ukoll fil-qasam tas-suġġett li fuqhom hija bbażata. Rotot strateġiċi importanti oħrajn iffinanzjati għal titjib tal-ħiliet, b'mod partikolari għal persuni li għandhom iktar minn 25 sena, jespandu l-offerta ta' ħiliet disponibbli għall-Istat, għan-negozji u għall-individwi li jfittxu li jimxu 'l quddiem fil-karriera. Hemm ukoll sfidi relatati mal-provvista ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal u kura soċjali, li jikkontribwixxu għar-rata għolja ta' impjieg part-time tan-nisa. Riformi fil-kura tat-tfal sa issa kienu kostanti iżda gradwali. X'aktarx li jkun hemm avvanz b'introduzzjoni sħiħa ta' xi inizjattivi fis-sentejn li ġejjin. Il-parteċipazzjoni ta' tfal li jkollhom inqas minn tliet snin f'servizzi formali tal-indukrar tat-tfal hija relattivament baxxa. Filwaqt li l-miżuri reċenti jtejbu sa ċertu punt id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-kura tat-tfal għal tfal ta' bejn tlieta (3) u erba' (4) snin, dawn ma jindirizzawx il-kwistjoni tal-forniment tas-servizzi tal-indukrar tat-tfal għal tfal ta' taħt it-tliet (3) snin. Bħala riżultat ta' riformi u tnaqqis mħabbra qabel u li, b'mod partikolari għall-appoġġ fuq ix-xogħol, l-eżiti tal-politika soċjali, inkluż il-faqar fost it-tfal jista' jiġi taħt pressjoni fi żmien qasir jew medju, b'mod partikolari f'kuntest ta' inflazzjoni ogħla. In-numru ta' tfal foqra li jgħixu f'unitajiet domestiċi ta' ħaddiema hija ta' tħassib partikolari.

(10) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Renju Unit u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2017, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lir-Renju Unit fi snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Renju Unit imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(11) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2017 u l-opinjoni tiegħu[5] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Renju Unit jieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Fl-2018-19 jagħmel sforz fiskali sostanzjali f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jissaħħaħ l-irkupru li għaddej bħalissa u li jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tar-Renju Unit.

2. Jieħu iktar passi biex iżid il-provvista tad-djar, inkluż permezz ta' riformi fir-regoli tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tagħhom.

3. Jindirizza l-ispariġġi tal-kompetenzi u jipprevedi l-progressjoni tal-kompetenzi, inkluż billi jkompli jsaħħaħ il-kwalità tal-apprendistati u jipprevedi rotot ta' progressjoni ffinanzjati oħra ta' "edukazzjoni avvanzata".

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

[5] Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.